Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 481/2017

Il-Pulizja

Vs

Tammy Arpa

Illum it-12 ta' Diċembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Tammy Arpa detentrici tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 535291M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f' Haz Zabbar nhar it-2 ta' Gunju, 2017:

(1) Irrifjutat li taghti access lil wild taht il-kustodja taghha lil John Clay Used, hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbuta bil-kuntratt minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Novembru, 2017, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338 (ll) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija mputata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha u kkundannatha ghall-gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Tammy Arpa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Novembru, 2017, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberha minn kull imputazzjoni u htija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti Tammy Arpa:

> Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif irrizultaw mill-provi prodotti. Illi di più l-piena karcerarja hija wahda eccessiva specjalment ghall-omm li ghandha tarbija tat-twelid u li trid tiehu hsieb it-tarbija taghha flimkien mal-minuri fi kwistjoni li ghad ghandha biss sitt snin u tiddependi kompletament fuq ommha l-appellanti.
>
> Illi l-piena karcerarja giet inflitta fuq l-omm talli ppruvat tipprotegi l-minuri, piena u sentenza li kwazi tmur kontra d-dottrina tal-Gustizzja fejn si tratta dwar l-interessi supremi tal-Minuri fejn hawnhekk ghandna sitwazzjoni kristallizzata fejn l-omm li ghamlet minn kollox sabiex tipprotegi lill-minuri nghatat sentenza karcerarja.
>
> Illi di più kien l-appellat stess fil-Qorti li stqarr li kien ilu ma jara l-bintu ghall-diversi xhur u ghalhekk wiehed ma jistax jippretendi li l-access huwa hemm sabiex jakkomoda l-persuna li jezercita l-access sabiex unilateralment meta jkun komdu u jaqbad u jmur ghall-minuri skont id-digriet tal-Onorabbli Qorti li jirregola l-access.
>
> Illi madanakollu skont ic-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni l-piena ta' detenzjoni hija wahda wisq harxa fuq omm zaghzugha li qatt ma xilfet difrejha mal-Qrati. Madanakollu hija inkoncepibbli li omm ghandha tigi separata minn tarbija tat-twelid li tiddependi kumpletament fuqha meta kull ma allegatament giet akkuzata li rrifjutat taghti l-access u dana ghaliex l-Onorabbli Qorti ddecidiet taghzel temmen il-verzjoni tal-parti civili minghajr ma hadet in konsiderazzjoni l-apprezzament ta' fatti u provi li ngabu quddiemha u minghajr ma kkunsiderat li permezz ta' sentenza taghha tarbija tat-twelid kienet ser tigi abbandunata ghall-gimghatejn minn ommha.
>
> Illi madanakollu dan ma jfissirx li kull nuqqas ta' osservanza ta' xi parti minn digriet ta' qorti kompetenti li tkun akkordat l-access jammonta necessarjament ghal reat. Il-Paragrafu (ll) in dizamina ma jitkellimx dwar in-nuqqas ta' osservanza ta' xi kundizzjonijiet 'digriet ta' access; dak li hu penalizzat b'din id-dispozizzjoni huwa biss in-nuqqas, minghajr raguni xierqa, li wiehed jaghti access meta, fost sitwazzjonijiet ohra, jkun gie ordnat li jaghti dak l-access.
>
> Illi fic-cirkostanzi ta'dan il-kaz temergi sitwazzjoni, anki familjari, li l-piena erogata mhijiex wahda idoneja.

Semghet il-provi u trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fl-appell minnha imressaq l-imputata Tammy Arpa, tilmenta mill-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma taghha kienet tezisti dik ir-raguni xierqa li jitkellem dwarha l-artikolu 338(ll) tal-Kodici Kriminali li jaghtiha il-jedd tirrifjuta taghti access lill-parti leza ghal bintu minuri. Subordinatament imbaghad tilmenta mill-*quantum* tal-piena inflitta billi jidhrilha illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz din kienet ezagerata.

Illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Illi din il-Qorti, kif ippresjeduta diga kellha okkazzjoni tesprimi ruhha fir-rigward tal-problemi li qed jiffaccjaw dina l-koppja zaghzugha u dan meta l-missier jigi biex jezercita l-access favur binthom minuri Maya. Ghalkemm jidher illi inizjalment id-dritt tal-access kellu jigi ezercitat bi ftehim bejn dawn il-genituri, madanakollu dan

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

is-sens ta′ buona volonta′ minn naha ta′ dawn it-tnejn minn nies ma baqax jirrenja tant illi l-granet u il-hinijiet tal-access kellhom jigu regolati.

Fil-fatt b′digriet tal-Qorti tal-Familja tas-06 ta′ Mejju 2014, jidher illi fit-termini ta′ ftehim milhuq bejn il-ko-litigandi, il-genituri kellhom kura u kustodja kongunta tal-minuri binthom Maya. Il-minuri, madanakollu kellha tibqa′ tirrisjedi mal-omm bil-missier ikollu access liberu ghall-istess hlief meta jkun hemm disgwid bejn dawn iz-zewg genituri. Meta, kif inghad dan id-disgwid immaterjalizza ruhu l-access beda jigi ezercitat fit-termini ta′ klawsoli numru 6 et. seq ta′ dan il-ftehim kif approvat mill-Qorti bil-missier ghalhekk ikollu access ghal minuri kull nhar ta′ Tnejn u l-Erbgha mill-erbgha sat-tmienja ta′ fil-ghaxija u alternattivament kull gimgha, mill-Gimgha ghas-Sibt jew mis-Sibt ghall-Hadd, bejn is-sitta ta′ fil-ghaxija sas-sitta tal-ghada fil-ghaxija.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dan il-każ jirrigwarda inċident li seħħ nhar it-2 ta′ Ġunju 2017 fejn allegatament Jon Clay Used mar sabiex jeżerċita s-setgħa tiegħu ta′ aċċess fuq bintu minuri Maya, f′liema ġurnata madanakollu kemm Maya kif ukoll ommha ma kenux jinstabu fir-residenza tagħhom. L-kwerelant ghamel diversi telefonati sabiex jistabilixxi komunikazzjoni mal-omm izda ma irnexxielux u ghalhekk irrikorra lejn l-għassa tal-pulizija fejn hemmhekk ghamel rapport. Illi minn indagini maghmula mill-pulizija irrizulta illi l-minuri kienet qed tirrisjedi ma′ oht l-appellanti stante li ommha kienet tinsab imsiefra. Il-parti leza jigi infurmat ghaldaqstant mill-pulizija ghall-ħabta tal-10:30pm, izda f′dak il-hin ighid li ma setax imur jigbor lit-tifla, kif lanqas seta′ imur l-ghada fil-ghodu peress li kellu x-xogħol[2].

In oltre kif jidher mill-affidavit ta′ WPC292 R. Formosa, l-għada tar-rapport ċioe fit-3 ta′ Ġunju 2017, is-Sur Clay Used kien reġa mar l-għassa fejn kien informa lill-pulizija li ġie nfurmat minn ħaddieħor li l-appellanti kienet siefret u dan mingħajr ma nfurmatu, u dan bi vjolazzjoni ta′ dak stipulat fil-kuntratt dwar tali ċirkostanza fejn f′dak il-każ il-minuri kellha tiġi fdata lilu jew lil xi ħadd tal-familja u dan bl-għarfien u bi qbil bejn il-partijiet. Jirriżulta wkoll skont l-istess affidavit li l-pulizija kienu kkomunikaw ma l-appellanti fis-6 ta′ Ġunju 2017 u ċioe′ erbat ijiem wara li sar r-

[2] Xhieda ta’ Jon Clay Used quddiem din il-Qorti datata l-25 ta’ Ottubru 2018.

rapport fejn hija stqarret illi ma reditx taghti l-access lil missier ghal bintu minhabba l-fatt illi ma kinitx taf l-indirizz tat-tfajla tieghu u ma reditx li bintha tkun f'post li hi ma tafx l-indirizz tiegħu. Maghdud ma' dan terga' ttenni illi il-minuri kienet imbezza' meta tmur ghand missierha minhabba li dan kienu jurieha xi films tal-biża. Tistqarr illi ma kenitx infurmat lill-parti leza li kienet ser issiefer peress illi din grat minghajr ebda pre-avviz u ukoll peress li spiċċat b'mobile minghajr *charge*[3]. Tistqarr inoltre illi l-missier kien konxju tal-fatt illi l-minuri kient tkun ghand ohtha, kien jaf l-indirizz u in-numru tat-telefown taghha, u li allura seta' facilment imur jigbor lit-tifla mir-residenza tal-istess u ghalhekk hi qatt ma cahhditu mid-dritt li jezercita l-access tieghu ghal minuri. Dan il-fatt ġie anki kkonfermat minn oħt l-appellanti Carla Frendo[4].

Illi ibda biex jigi osservat illi:

> **"l-paragrafu (ll) in dizamina ma jitkellimx dwar in-nuqqas ta' osservanza ta' xi kundizzjoni f'digriet ta' access; dak li hu penalizzat b'din id-disposizzjoni huwa biss in-nuqqas, minghajr raguni xierqa, li wiehed jaghti access meta, fost sitwazzjonijiet ohra, jkun gie ordnat li jaghti dak l-access[5]."**

Illi s-sentenza mogħtija fil- 25 ta' Lulju 1994 minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija v. Carmen Tabone Reale kkwotat il-każ Kanadiż R. v. Arthurs, ex p. Port Arthur Shipbuilding Co (1967) fejn intqal:

> **"'Just cause' does not mean the same as 'proper cause', 'proper' meaning only 'fit, apt, suitable' whereas 'just' has a wider meaning involving equitable considerations" ... Għalhekk biex tara jekk kienx hemm raġuni xierqa, u speċjalment fil-kamp kriminali, il-Qorti trid twieżen l-interessi kollha ...".**

Ukoll:

> **"l-paragrafu (ll) in dizamina jimporta element ta' positive obligation da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri. Fi kliem iehor, ma hux bizzejjed li dak li jkun ma jfixkilx l-access tal-parti l-ohra (fil-kaz in dizamina, tar-ragel) izda hemm ukoll l-obbligu li lparti li jkollha l-kura u l-kustodja "taghti access", espressjoni li timplika, fil-kazijiet kongruwi, li min ikollu l-kura u l-kustodja ghandu fizikament jikkonsenja il-wild lill-parti l-ohra.**

---

[3] Ara folio 3 et seq tal-atti proċesswali.
[4] Xhieda ta' Carla Frendo quddiem din il-Qorti datata l-25 ta' Ottubru 2018.
[5] Il-Pulizija vs Etienne Mizzi App.Inf. 04/04/2003

**Jizdied jinghad li kieku din il-Qorti ma kellhiex tinsisti fuq l-osservanza skrupoluza tal-ordni tal-qorti civili kompetenti, ikun ferm facli ghal min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri li taht l-icken pretest jevita l-obbligu tieghu li "jaghti access"[6].**

Spjanati ghalhekk dawn l-elementi ta' dritt marbuta mal-kontravvenzjoni in dizamina, huwa evidenti illi l-appellanti qieghda tirrifjuta li taghti l-access lil missier minhabba allegati bizat li ghandha sabiex tafda lil minuri ma' missierha, bizat li madanakollu ma jidhirx li qed tindirizza izda qed tuzahom bhala skuza sabiex icahhad lil missier mid-dritt tieghu ghall-access. Dan huwa rifless fil-kontradizzjonijiet li jinsabu fix-xiehda taghha fejn minn naha tghid li hija ma cahhditx lil missier mid-dritt tal-access ghaliex il-minuri kienet ghand ohtha u allura dan seta' liberalment imur jigborha minn hemmhekk, imbaghad fl-istess nifs issostni illi hija ghandha oggezzjoni li l-missier jiehu lil bintu f'residenza fejn hija ma tafx l-indirizz u ukoll minhabba li l-minuri qed turi certu bizat meta tmur ghand missierha. Jibqa' l-fatt illi ghalkemm l-appellanti kienet taf illi fil-jum indikat fl-akkuza l-missier kellu id-dritt jezercita l-access ghal bintu, hija ghogobha issiefer minghajr ma taghtih avviz preventivament. Mhux biss izda wettqet vjolazzjoni ohra tal-ftehim stipulat u ssanzjonat mill-Qorti fejn fil-granet li tkun imsiefra mhux biss kellha tavza lil missier b'dan, izda l-istess missier kellu d-dritt li izomm lil minuri fil-kustodja tieghu f'dawn il-jiem ta' safar.

Illi stabbilit dan, fil-fehma ta' din il-Qorti l-ebda waħda mir-raġunijiet ipprospettati mill-appellanti ma tikkostitwixxi dik "ir-raguni xierqa" li titkellem dwarha il-ligi.

Mhux bizzejjed ghall-appellanti, kif tghallem il-gurisprudenza, li ma tfixkilx lill-kwerelanti mid-dritt tieghu tal-access, izda hija obbligata bid-digriet tal-Qorti li taghtih dak l-access u dan skont il-kundizzjonijiet indikati fl-istess digriet. Nuqqas allura li tosserva dak ordnat jammonta ghall-agir kontravvenzjonali li jitkellem dwaru l-artikolu 338(ll). Kwindi ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed mid-decizjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti.

---

[6] Il-Pulizija v. Natasha Theuma mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Gunju 2007

Illi għal dak li jirrigwarda l-piena din il-Qorti qieset il-fedina penali aġġornata tal-appellanti fejn jidher illi kienet diġa giet misjuba ħatja b'sentenza tat-23 ta' Ottubru 2017 mill-Qorti tal-Magistrati fejn irrifjutat taghti access lill-missier ghal bintu fil-jum tat-23 ta' Mejju 2017. F'dik id-decizjoni l-appellanti giet ikkundannata reprensjoni u ammonizzjoni. In oltre b'sentenza ohra ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar 2018, l-appellanti regghet giet misjuba hatja fuq akkuza identika liema infrazzjoni tal-ligi sehhet fit-13 ta' Mejju 2017. Kwindi dan ma kienx l-ewwel każ li kellha l-appellanti fejn dan l-aġir ġie rrapurtat u mixli l-Qorti.

Qieset is-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, partikolarment dawk tal-appellanti li spjegat li għandha żewġ itfal zgħar inkluz tarbija li għandha bżonn il-kura tagħha u fejn allura l-piena mposta mill-ewwel Qorti ta' detenzjoni effettiva hija waħda eċċessiva u preokkupanti fiċ-ċirkostanzi personali tagħha.

Qieset ukoll li l-prosekuzzjoni rremettiet ruħha għal dak li jirrigwarda l-aggravju dwar il-piena.

Tara illi ghalkemm l-agir tal-appellanti qed ikun wiehed ripetut u li dan x'aktarx kien il-mottiv li wassal lill-Ewwel Qorti tinfliggi piena ta' restrizzjoni ta' liberta, madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellanti ghandha tinghata l-ahhar opportunita' biex tirrimedja ghall-agir taghha u allura ser tghaddi biex tirriforma l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti u tissostitwixxi l-istess b'piena monetarja. Taghmilha cara madanakollu illi infrazzjonijiet ohra indubbjament ser iwasslu sabiex il-piena tkun wahda aktar severa jekk l-appellanti tkompli twebbes rasha fl-agir taghha.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata tghaddi ghalhekk biex tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza dedotta fil-konfront taghha, izda tvarja il-piena inflitta sabiex minflok dik ta' gimghatejn detenzjoni tikkundannaha ghal hlas ta' ammenda ta' 58 ewro.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur